

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni ta' Europol tad-29 ta' Lulju 2014 li ma ġġeddidx għal żmien indeterminat il-kuntratt għal żmien indeterminat il-kuntratt mogħti lir-rikorrent u sabiex tallokalu ammont ta' EUR 10 000 minħabba t-tul tal-proċedura u l-estensjoni tal-istat ta' inċertezza tiegħu kif ukoll għall-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tiegħu.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *I. Hanschmann huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 354, 26.10.2015 (kawża inizzjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea taħt in-numru F-119/15) u ttrasferita lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-01.09.2016).

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Settembru 2017 – Knöll vs Europol

(Kawża T-563/16) ⁽¹⁾

“Servizz pubbliku — Europol — Nuqqas ta’ tiġdid ta’ kuntratt — Rifjut li jingħata kuntratt għal żmien indeterminat — Kumpens — Annullament mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku — Eżekuzzjoni ta’ sentenzi fil-Kawżi F-44/09 u F-105/12”

(2017/C 382/52)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Partijiet

Rikorrenti: Brigitte Knöll (Hochheim am Main, il-Ġermaniż) (rappreżentanti: W. Dammingh u N. Dane, avukati)

Konvenuta: Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (rappreżentanti: D. Neumann u C. Falmagne, aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck, A. Duron u I. Antypas, avukati)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Europol, tad-29 ta' Lulju 2014, li ma jgġeddidx għal żmien indeterminat il-kuntratt mogħti lir-rikorrenti u li jagħtiha somma ta' EUR 10 000 minħabba t-tul tal-proċeduri u l-estensjoni tal-istat ta' inċertezza tiegħu kif ukoll l-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tiegħu.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Brigitte Knöll hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 354 tas-26.10.2015 (kawża inizzjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-numru F-120/15 u ttrasferita lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).